

32004R0053

13.1.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 7/24

## IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 53/2004

tat-12 ta' Jannar 2004

**li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 747/2001 fir-rigward tal-kwoti tat-tariffi u l-kwantitajiet ta' referenza tal-Komunità għal ġertu Prodotti Agrikoli li jorġinaw mill-Eġittu**

## IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 747/2001 tad-9 ta' April 2001 li jagħti informazzjoni dwar l-amministrazzjoni tal-kwoti tat-tariffi u tal-kwantitajiet ta' referenza għall-prodotti eliġibbli għal preferenza skond il-ftehim ma' xi pajjiżi tal-Mediterran u t-tħassir tar-Regolament (KE) Nru 1981/94 u (KE) Nru 934/95<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1)(b) tiegħu,

Billi:

- (1) Sakemm jitlestew il-proċeduri neċessarji għar-ratifica u sakemm jidħol fis-seħħ il-ftehim Ewro-Mediterranu tal-25 ta' Ġunju 2001 li jistabbilixxi l-Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom fuq naħa, u r-Repubblika Għarbija ta' l-Ēġittu fuq in-naħa l-oħra, fid-19 ta' Diċembru 2003 ġie konkużi ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-proviżjonijiet tal-Kummerċ u proviżjonijiet relatati mal-kummerċ tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Ewro-Mediterranu, hawnhekk iż-żejjed 'il quddiem imsejħa "il-ftehim proviżorju". Il-ftehim proviżorju jibda jseħħ mill-1 ta' Jannar 2004.
- (2) Il-Ftehim proviżorju jieħu post id-dispożizzjonijiet relevanti fil-Ftehim ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Għarbija ta' l-Ēġittu ffirmsat fit-18 ta' Jannar 1977<sup>(2)</sup> u fil-Ftehim bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u ta' l-Azzar u r-Repubblika Għarbija ta' l-Ēġittu iffirmsat fi Brussel fit-18 ta' Jannar 1977<sup>(3)</sup>.
- (3) Fil-Ftehim proviżorju dwar l-importazzjoni lejn il-Komunità ta' xi prodotti agrikoli li jorġinaw mill-Ēġittu, il-konċessjonijiet tat-tariffi ġew mogħtija b'rata zero fid-dazju tad-dwana fil-parametri tal-kwoti tat-tariffi.
- (4) Għal ċerti prodotti agrikoli li għalihom il-konċesjoniċċi tat-tariffi taħbi il-Ftehim ta' Koperazzjoni ġew applikati bi kwantitajiet referenziali, il-Ftehim proviżorju jipprovdī għall-eżenżjoni tad-dazji doganali fil-kwoti tat-tariffi jew għall-eżenżjoni tad-dazji doganali għal kwantitajiet bla limitu.

<sup>(1)</sup> ĠU L 109, tad-19.4.2001, p. 2. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 37/2004 (ĠU L 6, ta' l-10.1.2004, p. 3).

<sup>(2)</sup> ĠU L 266, 27.09.1978, p. 2.

<sup>(3)</sup> ĠU L 316, 12.12.1979, p. 2.

(5) Għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-tariffi pre-visti fil-Ftehim proviżorju, huwa neċċessarju li jinbidel l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 747/2001 li għandu x'jaqsam mal-kwoti tat-tariffi u mal-kwantittajiet referenziali għal prodotti li jorġinaw mill-Ēġittu.

(6) Skond il-Ftehim proviżorju l-kwantitajiet tal-kwoti tat-tariffi għandhom jiżdiedu bi 3 % fis-sena fuq il-kwantità tas-sena ta' qabel, mit-tieni sena wara l-applikazzjoni. Il-kwantitajiet għall-kwoti tat-tariffi għal prodotti oħra għandhom jiġu ffissati spċificament għall-ewwel tlett snin ta' l-applikazzjoni u għas-snin ta' wara.

(7) Ir-Regolament (KE) Nru 747/2001 għandu jiġi emendat kif hemm bżonn.

(8) Sabiex jiġu kkalkulati il-kwoti tat-tariffi għall-ewwel sena ta' l-applikazzjoni, il-kwantitajiet tal-kwoti tat-tariffi li għalihom il-perjodu tal-kwota jibda qabel id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim proviżorju, għandu jitnaqqas proporzjonalment skond dik il-parti tal-perjodu li tkun għaddiet qabel id-data, dejjem skond il-Ftehim proviżorju.

(9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi tad-Dwana,

## ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 747/2001 għandu jinbidel u minflok jidħol l-Anness li hawn ma' dan ir-Regolament.

## Artikolu 2

Għall-ewwel sena ta' l-applikazzjoni, il-kwantitajiet tal-kwoti tat-tariffi tal-Komunità li għandhom in-numri ta' l-ordni 09.1704, 09.1706, 09.1707, 09.1711, 09.1713, 09.1714, 09.1717, 09.1721 u 09.1725, li l-perjodu tal-kwota jibda qabel id-data li fiha jidħol fis-seħħ il-ftehim proviżorju, għandhom jitnaqqas bi proporzjon relativ għall-parti tal-perjodu li jkun għadda qabel id-data.

## Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata ta' wara l-pubblikkazzjoni tiegħi fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Għandu jibda jgħodd mill-1 ta' Jannar 2004.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-12 ta' Jannar 2004.

*Għall-Kummissjoni*

Frederik BOLKESTEIN

*Membru tal-Kummissjoni*

---

## ANNESS

## “ANNESS IV

## L-EĠITTU

Minkejja ir-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kliem użat biex jiġu deskritti l-prodotti għandu jiġi kkunsidrat li għandu biss valur indikattiv, u l-iskema preferenziali tkun determinati, fil-kuntest ta' l-anness, bil-kodiċi NM kif ikunu dakħar ta' l-addozzjoni tar-regolament kurrenti. Fejn il-kodiċi NM huma indikati, l-iskema preferenziali għandha tiġi ddeterminata billi jiġi applikat il-kodiċi NM kif ukoll id-deskrizzjoni korrispondenti, meħuda flimkien.

## Il-Kwoti tat-Tariffi

Nru tal-Ordni	Kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-Oġġetti	Perjodu tal-Kwota	Volum tal-Kwota	Dazju tal-Kwota
09.1700	0601	Basal, tuberi, għeruq tat-tuberi, <i>corns</i> , kuruni u <i>rhizomes</i> , reqdin, qed jikbru jew jiffjorixxu; pjanti taċ-ċikwejra u għeruq minbarra l-għeruq tal-intestatura 1212	Mill-1.1 sal-31.12	500 (¹)	Eżenzjoni
09.1702	0602	Pjanti ħajjin oħra jn (inklużi l-għeruq tagħhom), biċċiet maqtugħin u <i>slips</i> ; <i>spawn</i> <td>Mill-1.1 sal-31.12</td> <td>2 000 (¹)</td> <td>Eżenzjoni</td>	Mill-1.1 sal-31.12	2 000 (¹)	Eżenzjoni
09.1704	0603 10	Fjuri friski maqtugħin u basal tal-fjuri ta' xorta adattati għall-bukketti jew għal għanijet ornamenali	Mill-1.1 sal-15.4.2004  U f'kull perjodu ieħor wara mill-1.1. sal-15.4	1 615,385  3 000	Eżenzjoni
09.1706	0603 10 80	Fjuri friski oħra jaqtughin u basal tal-fjuri ta' xorta adattati għall-bukketti jew għal għanijet ornamenali	Mill-1.1 sal-15.4.2004  U f'kull perjodu ieħor wara mill-1.1. sal-15.4	538,462  1 000	Eżenzjoni
09.1708	0604 99 90	Folji, zkuk u partijiet oħra tal-pjanti, bla fjuri jew basal tal-fjuri, u ħxejjex, ikkulu-riti, ibbliċċati, mimliljin bil-melħ jew preparati xorta oħra	Mill-1.1 sal-31.12	500 (¹)	Eżenzjoni
09.1705	ex 0701 90 50	Patata ġdidha, friska jew imkessħa	Mill-1.1 sal-31.3.2004  Mill-1.1 sal-31.3.2005  Mill-1.1 sal-31.3.2006 u mill-1.1 sal-31.3 tas-snin ta' wara	130 000  190 000  250 000	Eżenzjoni

(¹) Mill-1 ta' Jannar 2005 dan il-volum tal-kwota għandu jiżdied annwalment bi 3 % fuq il-volum tas-sena ta' qabel

Nru tal-Ordn	Kodiċi NM	Deskriżzjoni tal-Oġġetti	Perjodu tal-Kwota	Volum tal-Kwota	Dazju tal-Kwota
09.1710	0703 10	Basal u shallots, friski jew imkessħin	Mill-1.2 sal-15.6	15 000 (¹)	Eżenzjoni
09.1712	0703 20 00	Tewm, frisk jew imkessaħ	Mill-1.2 sal-15.6	3 000 (¹)	Eżenzjoni
09.1713	0704	Kaboċċi, pastard, ġidra, kaboċċi żgħira, u brassicas simili li jittieklu, friski jew imkessħin	Mill-1.1 sal-15.4.2004  Għall-kull perjodu wara dak mill-1.11 sal-15.4	954,545  1 500 (³)	Eżenzjoni (²)
09.1714	0705 11 00	Ħass ikkabboċċjat (head lettuce), frisk jew imkessaħ	Mill-1.1 sal-31.3.2004  Għall-kull perjodu wara dak mill-1.11 sal-31.3	300  500 (⁴)	Eżenzjoni (²)
09.1715	0706 10 00	Karrotti u turnips, friski jew imkessħin	Mill-1.1 sat-30.4	500 (¹)	Eżenzjoni
09.1716	0707 00	Ħjar u ħjar żgħar, friski jew imkessħin	Mill-1.1 sat-28/29.2	500 (¹)	Eżenzjoni (²)
09.1717	0708	Ħxejjex leguminużi, bil-qoxra jew le, friski jew imkessħin	Mill-1.1 sal-30.4.2004  Mill-1.11.2004 sat-30.4.2005  Mill-1.11.2005 sat-30.4.2006 u għal kull perjodu ta' wara dak mill-1.11 sat-30.4	10 000  17 500  20 000	Eżenzjoni (²)
09.1718	ex 0710 ex 0711	Ħxejjex iffriżati jew proviżorjament ippriservati, barra qamħirrun ħelu tas-subtestaturi 0710 40 00 u 0711 90 30 u barra l-faqqiegħ tal-genus Agaricus tas-subtestaturi 0710 80 61 u 0711 51 00	Mill-1.1 sal-31.12.2004  Mill-1.1.2004 sal-31.12.2005  Mill-1.1.2005 sal-31.12.2006 u għas-snin sussegwenti	1 000  2 000  3 000	Eżenzjoni
09.1719	0712	Ħxejjex imnixxfin, sħaħ, imqattgħin, slajsjati, miksurin jew fi trab, imam mhux preparati aktar	Mill-1.1 sal-31.12	16 000 (¹)	Eżenzjoni
09.1720	0714 20	Patata ħelwa, friska, imkessħa, iffriżata jew imnixxa, kemm jekk slajsjata jew p'forma ta' pellets u kemm jekk le	Mill-1.1 sal-31.12	3 000 (¹)	Eżenzjoni

(¹) Mill-1 ta' Jannar 2005 dan il-volum tal-kwota għandu jiżdied annwalment bi 3 % fuq il-volum tas-sena ta' qabel

(²) L-eżenzjoni tapplika biss fuq id-dazju ad valorem

(³) Mill-1 ta' Novembru 2004 , dan il-volum tal-kwota għandu jiżdied annwalment bi 3 % fuq il-volum tal-perjodu tal-kwota ta' qabel. Din l-ewwel żieda għandha sseh fuq il-volum bażi ta 1 500 tunnellati piż nett

(⁴) Mill-1 ta' Novembru 2004 , dan il-volum tal-kwota għandu jiżdied annwalment bi 3 % fuq il-volum tal-perjodu tal-kwota ta' qabel. Din l-ewwel żieda għandha sseh fuq il-volum bażi ta 500 tunnellati piż nett

Nru tal-Ordni	Kodiċi NM	Deskriżzjoni tal-Oġġetti	Perjodu tal-Kwota	Volum tal-Kwota	Dazju tal-Kwota
09.1707	0805 10	Larinġ, frisk jew imnixxef	Mill-1.1 sat-30.6.2004  Mill-1.7.2004 sat-30.6.2005  Mill-1.7.2005 sat-30.6.2006 u u għal kull perjodu ta' wara dak mill-1.7 sat-30.6	25 000  55 000  60 000	Eżenzjoni (¹)
09.1711	0805 10 10 0805 10 30 0805 10 50	Li minnhom  Larinġ ħelu, frisk	Li minnhom  Mill-1.1 sal-31.5.2004  għal kull perjodu ta' wara dak mill-1.12 sal-31.5	25 000 (²)  34 000 (²)	Eżenzjoni (³)
09.1721	0807 19 00	Bettieġħ ieħor, frisk	Mill-1.1 sal-31.5.2004  għal kull perjodu ta' wara dak mill-15.10 sal-31.5	666,667  1 000 (⁴)	Eżenzjoni
09.1722	0808 20	Lanġas u sfrejġel, friski	Mill-1.1 sal-31.12	500 (⁵)	Eżenzjoni (¹)
09.1723	0809 30	Ħawħ, inklużi nettarini, friski	Mill-15.3 sal-31.5	500 (⁵)	Eżenzjoni (¹)
09.1724	0809 40	Għajnbaqar u pruna, friski	Mill-15.4 sal-31.5	500 (⁵)	Eżenzjoni (¹)
09.1725	0810 10 00	Frawli, friski	Mill-1.1 sal-31.3.2004  Mill-1.10.2004 sal-31.3.2005  Mill-1.10.2005 sal-31.3.2006 u għal kull perjodu ta' wara dak mill-1.10 sal-31.3	250  1 000  1 500	Eżenzjoni

(¹) L-eżenzjoni tapplika biss fuq id-dazju ad valorem

(²) F'din il-kwota tat-tariffa, id-dazju spċificu provdut fil-lista ta' konċessjonijiet tal-Komunita' lill-WTO huwa mnaqqas għal zero jekk il-prezz tad-dħul mhux inqas minn 264/tunnellata, li huwa l-prezz tad-dħul maqbul bejn il-Komunita' Ewropea u l-Eğġit. Jekk il-prezz tad-dħul għal kunsinna huwa 2, 4, 6 jew 8 % inqas mill-prezz tad-dħul miftiehem, id-dazju tal-kwota tad-dwana spċificu għandu jkun rispettivament dags 2, 4, 6 u 8 % ta' dan il-prezz tad-dħul miftiehem. Jekk il-prezz tad-dħul ta' kunsinna huwa anqas minn 92 % tal-prezz tad-dħul miftiehem, id-dazju tad-dwana spċificu infurzat fil-WTO għandu jaapplika

(³) Eżenzjoni wkoll tad-dazju ad valorem, fil-qafas ta' din il-kwota tat-tariffa

(⁴) Mill-15 ta' Ottubru 2004, dan il-volum tal-kwota għandu jiżdied annwalment bi 3 % fuq il-volum tal-perjodu tal-kwota ta' qabel. Din l-ewwel żieda għandha sseħ fuq il-volum bażżeja ta 1 000 tunnellati piżżeen

(⁵) Mill-1 ta' Jannar 2005 dan il-volum tal-kwota għandu jiżdied annwalment bi 3 % fuq il-volum tas-sena ta' qabel

Nru tal-Ordn	Kodiċi NM	Deskriżzjoni tal-Oġġetti	Perjodu tal-Kwota	Volum tal-Kwota	Dazju tal-Kwota
09.1726	0811 0812	Frott u ġewż, mhux imsajrin jew imsajrin bil-fwar jew filma jagħli, iffriżati, kemm jekk fihom zokkor miżjud jew xi materjal ieħor li jagħmel ħelu, u kemm jekk le, jew proviżorjament ippriservati, imam li mhux tajbin fdak l-istat għall-konsum immedja	Mill-1.1 sal-31.12.2004	1 000	Eżenzjoni (¹)
			Mill-1.1 sal-31.12.2005	2 000	
			Mill-1.1 sal-31.12.2006 u għas-snin sussegwenti	3 000	
09.1727	1515 50 11	Żejt tas-sesamu, krud, għal-użu tekniku jew industrijali, minbarra għal manifattura ta' affarijiet ta' l-ikel għall-konsum uman (²)	Mill-1.1 sal-31.12	1 000 (³)	Eżenzjoni
09.1728	1515 90	Xaħmijiet u żjut tal-ħxejjex oħra fissi u l-biċċiet tagħhom, kemm jekk irfinat jew le, imam mhux kimikament modifikat, barra minn żerriegħa tal-kittien, qamħirrun, riġnu, tung u żejt tas-sesamu jew biċċiet minnhom	Mill-1.1 sal-31.12	500 (³)	Eżenzjoni
09.1729	1703	Ġulepp magħqud li ġej mill-estratt jew l-irfinar taz-zokkor	Mill-1.1 sal-31.12	350 000 (³)	Eżenzjoni
09.1730	2007	Ġammijiet, jellies tal-frott, marmellati, puree jew pejst tal-frott jew ġewż, ġejjin mit-tisjir, kemm jekk fihom zokkor miżjud jew xi materjal ieħor li jagħmel ħelu, u kemm jekk le	Mill-1.1 sal-31.12	1 000 (³)	Eżenzjoni (¹)
09.1771	2008 11	ġewż, preparti jew priservati xort' oħra, kemm jekk fihom zokkor miżjud jew xi materjal ieħor li jagħmel ħelu, u kemm jekk le, mhux spċifikati jew inklużi band' oħra	Mill-1.1 sal-31.12	3 000 (³)	Eżenzjoni
09.1772	2009	Juices tal-frott (inkluż tal-mast tal-ġħeneb) u juices tal-ħxejjex, mhux iffermentati u ma fihomx spirtu miżjud, kemm jekk fihom zokkor miżjud jew xi materjal ieħor li jagħmel ħelu, u kemm jekk le	Mill-1.1 sal-31.12	1 000 (³)	Eżenzjoni (¹)

(¹) L-eżenzjoni tapplika biss fuq id-dazju ad valorem

(²) Dahlha taħt din is-subintestatura għall-kondizzjonijiet stabbiliti bid-dispożizzjonijet relevant ital-Komunita' (ara Artikoli 291 sa 300 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 (ĠU L 253, 11.10.1993, p.1) u l-emendi suċċessivi)

(³) Mill-1 ta' Jannar 2005 dan il-volum tal-kwota għandu jiżid annwalment bi 3 % fuq il-volum tas-sena ta' qabel"